MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**KATJA PSAILA SAVONA**

Seduta tat-2 ta' Frar, 2012

Talba Numru. 1427/2010

**Michael (K.I. 369265M) u David (K.I. 54072M) ahwa Sciberras**
**Vs**
**Michael (K.I. 335764M) u Marie Josette (K.I. 84487M) konjugi Bezzina**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu l-atturi qieghdin jitolbu lill-konvenuti sabiex ihallsu s-somma ta' tlett elef u mija u tmenin ewro w wiehed u erbghin centezmu (€3180.41) rapprezentanti bilanc minn somma akbar prezz ta' merkanzija lilhom mibjugha u kkonsenjata li baqghet ma thallsetx.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra nterpellatorja datata 10 t'Awwissu 2010 u tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju li qed jigi pprezentat kontestwalment u bl-imghax skont il-ligi sad-data tal-effettiv pagament kontra l-konvenuti ngunti in subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenuti li ppremettiet li l-pretensjoni tal-atturi kif rivolta fil-konfront ta' l-eccipjenti hija nfondata fil-fatt u fid-dritt, stante li ma jezisti l-ebda bilanc dovut da parti tal-eccipjenti fil-konfront tal-atturi. Bl-ispejjez kontra l-atturi.

Ra d-dokumenti kollha li gew esebiti.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Ra l-verbal tas-seduta ta' nhar il-10 ta' Novembru 2011 li bih il-kawza thalliet ghal-llum ghas-sentenza;

**Ikkunsidra:**

Illi l-atturi w cioe' David u Michael Sciberras li jezercitaw negozju t'importaturi *u bejjiegha bl-ingrossa* t'oggetti t'ikel bl-isem "Firm Benny Sciberras" permezz ta' din il-kawza qieghdin jitolbu minghand il-konvenuti l-hlas tas-somma komplessiva ta' tlett elef u mija u tmenin ewro u wiehed u erbghin centezmu (€3180.41) rapprezentanti prezz ta' merkanzija mibjugha lill-konvenuti. Min-naha taghhom il-konvenuti kkontestaw il-fatt illi dan l-ammont huwa dovut.

L-atturi pprezentaw affidavits fejn ikkonfermaw illi huma kienu jipprovdu merkanzija lill-konvenuti li joperaw hanut tal-merca. Ikkonfermaw ukoll li minkejja diversi interpellanzi da parti taghhom l-ammont tat-talba odjerna ma thallasx u ghadu dovut.

It-Tribunal josserva illi minkejja li pprezentaw risposta, l-konvenuti ma dehrux ghall diversi seduti u ma resqux provi.

Ghaldaqstant peress li t-talba tal-atturi tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi s-somma ta' tlett elef u mija u tmenin ewro u wiehed u erbghin centezmu (€3180.41) bl-imghaxijiet kif mitluba fl-avviz u bl-ispejjez kollha li ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------